# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Jannar 2016**

**Numru**

**Rikors Numru 369/07 RGM**

**Loriane Camilleri**

**v.**

**Robert Camilleri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors mahluf li permezz tieghu l-attrici talbet:

"1. Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar it-3 ta' Mejju tas-sena 1996;

"2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx ulied;

"3. U peress illi l-konvenut huwa hati ta eccessi, mohqrija, theddid, offizi gravi u vjolenza kemm fisika u kif ukoll psikologika fil-konfront ta' martu oltre li l-hajja matrimonjali ma ghadhiex aktar possibbli minnhabba

inkompatibbilita’ ta’ karattru tant li z-zwieg ta’ bejniethom tkisser b’mod irrimedjabbli;

“4. U peress illi l-istess konvenut huwa hati ta’ adulterju kommess matul iz-zwieg tal-kontendenti;

“5. U peress illi l-istess kontendenti issa ilhom kwazi erba’ xhur separati de facto minn ma’ xulxin;

“6. U peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni legali b’din il-procedura kontra zewgha in forza ta’ digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li jgib id-data ta1-20 ta’ Lulju 2007 digriet numru 1255/07;

“Ghaldaqstant l-attrici titlob bir-rispett illi dina l-Onrabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:

“1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Camilleri u dana ghar-ragunijiet premessi imputabbli unikament lill-istess konvenut u kwindi tawtorizza lir-rikorrenta tghix separatament minn ma’ l-intimat;

“2. Tapplika kontra zewgha l-konvenut interament jew in parti id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 48 a bazi ta artikolu 50 Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“3. Tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti;

“4. Tillikwida l-effetti kollha tal-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet ugwali komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti liema zewg porzjonijiet ghandhom jigu assenjati f’sehem indaqs lil kull parti u dana kollu okkorrendo permezz ta periti nominandi;

“5. Tordna li ssir id-divizjoni tal-assi tal-komunjoni kif likwidata mill-Qorti u taghti kull provvediment iehor opportun f’dan ir-rigward inkluz forma ta’ assenjazzjoni ta’ drittijiet minn parti ghall-ohra kontra l-hlas ta’ korrispettiv xieraq skont kif hawn fuq likwidat;

“6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att pubbliku relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

“7. Tordna r-registrazzjoni tas-sentenza ta’ separazzjoni fir-Registru Pubbliku ta’ Malta a tenur tal-artikolu 62A Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt personalment biex jidher ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenut li tghid hekk:

“1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jicu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici in kwantu msejsa fuq allegazzjonijiet inveritiera u infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

“2. Illi l-esponent ma jopponix l-ewwel talba in kwantu ghal pronunzja tas-separazzjoni personali izda dan ghal ragunijiet imputabbli unikament lir-rikorrenta;

“3. Illi ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg hija responsabbli unikament l-attrici li irrendiet ruha hatja ta’ sevizzji, minaccji u ingurju gravi kif ser jirrizulta ahjar waqt is-smiegh tal-kawza;

“4. Illi inoltre ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg hija responsabbli unikament l-attrici in kwantu rrendiet ruha hatja ta’ adulterju matul iz-zwieg tal-kontendenti;

“5. Illi t-tieni talba kif intavolata hija insostenibbli u inproponibli in kwantu msejsa fuq l-Art.50 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan stante il-fatt li dan l-Artikolu kien gie abrogat rnill-legislatur u ghalhekk kwalsiasi talba jew azzjoni rnaghmula abbazi ta’ l-istess artikolu hija improponibbli u insostenibbli;

“6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tieni talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u d-dispozizzjonijiet ta’ l-Art.48 jew dik il-parti applikabbli ghandhorn jigu ordnati kontra l-istess rikorrenti stante li kif ser jirrizulta fil-mori ta’ dawn il-proceduri ir-ragunijiet elenkati fl-Artikolu 41 mhumiex applikabbli ghal kaz in kwistjoni mentri ir-ragunijiet elenkati fl-Artikolu 38 huma imputabbli lill-istess rikorrenti in vista ta’ l-adulterju da parti taghha u mhux lill-intimat;

“7. Illi l-esponent ma jopponix ghat-tielet talba;

“8. Illi l-esponent ma jopponiex ghar-raba’ talba, salv li jigu sodisfatti d-drittijiet u l-krediti ta’ 1-esponent fil-konfront tal-komunjoni u tar-rikorrenti, liema drittijiet u krediti ser jigu ppruvati fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

“9. Illi l-esponent ma jopponiex ghal harnes talba salv li jigu sodisfatti d-drittijiet u l-krediti ta’ l-esponent fil-konfront tal-komunjoni u tar-rikorrenti, liema drittijiet u krediti ser jigu ppruvati fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

“10. Illi l-esponent ma joppinix is-sitt u s-seba’ talba;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbali tal-kawza fosthom l-affidavits u depozizzjonijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja moghtija fis-27 ta’ Novembru 2014 li permezz taghha laqghet parzjalment l-eccezzjonijiet tal-konvenut u iddisponiet mit-talbiet attrici bil-mod segwenti:

“1. Tilqa’ l-ewwel talba *in parte* billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Camilleri stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet kif fuq spjegat. Tiddikjara il-jum tal-1 ta’ Jannar 2007 bhala l-jum li z-zewg partijiet irrendew ruhhom hatja ghat-tkissir taz-zwieg taghhom.

“2. Tilqa’ t-tieni talba in *in parte* billi tipprovdi illi d-disposizzjonijiet ta’ l-**Artikolu 48** tal-**Kap 16** tal-**Ligijiet ta’ Malta (u mhux tal-Artikolu 50)** ghandhom japplikaw fil-konfront taz-zewg partijiet b’effett mill-1 ta’ Jannar 2007 ghar-ragunijiet fuq premessi u tilqa’ r-raba’ eccezzjoni tal-konvenut inkwantu l-Artikolu 50 tal-Kap 16 kien gie abrogat.

“3. Tilqa’ t-tielet t-talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti;

“4. Tilqa’ r-raba’ talba u tillikwida l-effetti kollha tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u tiddikjara illi din kienet tikkonsisti fis-segwenti :-

“(a) Id-dar matrimonjali fl-indirizz Plot 18, Triq l-Imnarja, Birzebbugia u l-mobbli hemm kontenuti;
“(b) Il-karozza tat-tip *Peugeot 106* bin-numru ta’ registrazzjoni EBC 383;

"(c) Il-mutur tat-tip *Piaggio Typhoon* bin-numru ta' registrazzjoni EAD 358;
"(d) Il-vann tat-tip *Mitsubishi* bin-numru ta' registrazzjoni FAE 695;
"(e) Il-kontijiet bankarji intestati f'isem il-partijiet;

"5. Tilqa' l-hames talba u tiddikjara illi l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ghandhom jigu divizi u assenjati kif gej: -

"(a) Id-dar matrimonjali illi tinsab Plot 18, Triq l-Imnarja, Birzebbugia titpogga ghall-bejgh ghall-prezz bonarjament pattwit bejn il-partijiet, ta' €291,250.00 u mir-rikavat relattiv jithallas l-ammont ta' €2978.18 rapprezentanti l-kreditu parafernali ta' l-attrici, u l-ammont ta' €11,023.54 rapprezentanti l-kreditu parafernali tal-konvenut.

"Il-bilanc rimanenti mir-rikavat ghandu jigi diviz bejn il-partijiet b'mod ugwali;

"(b) Il-mobbli illi jinsabu gewwa d-dar matrimonjali jinbieghu taht l-Awtorita' tal-Qorti u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet f'sehem indaqs.

"(c) Tassenja lil kull parti dawk il-beni mobbli illi jinsabu diga` fil-pussess ta' kull wiehed jew wahda minnhom rispettivament;
"(d) Ir-*wreck* tal-vettura *Peugeot 106* bin-numru ta' registrazzjoni EBC 383 ghandu jinbiegh taht l-Awtorita' tal-Qorti liema wreck qed jinghata l-valur ta' €698.81. Ir-rikavat jigi diviz bejn il-partijiet b'mod ugwali ;
"(d) Ir-*wreck* tal-vettura *Piaggio Typhoon* bin-numru ta' registrazzjoni EAD 358 ghandu jinbiegh taht l-Awtorita'tal-Qorti liema wreck qed jinghata l-valur ta' €200.00. Ir-rikavat jigi diviz bejn il-partijiet b'mod ugwali;
"(e) Il-vettura tat-tip *Mitsubishi* van bin-numru ta' registrazzjoni FAE 695 tigi assenjata lill-konvenut;

"6. Tichad is-sitt talba stante li ma hemmx htiega ta' nomina ta' Nutar Pubbliku.

"7. Tilqa' t-talba maghmula mill-attrici fl-udjenza tal-14 ta' Marzu 2012[1] u tawtorizzaha tirriverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe' "Spiteri".

"8. Tilqa' t-tmien talba u tordna r-registrazzjoni tas-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

"Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attrici u in kwantu ghal nofs mill-konvenut."

[1] Fol. 86

Rat ir-rikors tal-konvenut appellant li permezz tieghu talab illi din il-Qorti joghgobha tilqa' l-aggravju tieghu u tirriforma s-sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja fl-ismijiet **Loriane Camilleri v. Robert Camilleri** deciza fis-27 ta' Novembru 2014 (Rik. Gur. Nru. 369/2007 RGM) billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu laqghet it-tielet u t-tmien talba attrici, laqghet it-talba maghmula mill-attrici fl-udjenza tal-14 ta' Marzu 2012, cahdet is-sitt talba attrici u tirriformaha ghall-kumplament fis-sens illi:

i. Tilqa' l-ewwel talba billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici u tiddikjara data precedenti ghal dik tal-1 ta Jannar 2007 bhala data meta l-attrici irrendiet ruhha hatja tal-firda ta' bejn il-partijiet;

ii. Tilqa' t-tieni talba billi tipprovdi illi d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom japplikaw fil-konfront tal-attrici b'effett mid-data li ghandha tigi stabbilita minn din il-Qorti meta titratta l-ewwel talba u tilqa' l-hames u s-sitt eccezzjoni tal-konvenut fl-intier taghha;

iii. Tilqa' r-raba' u l-hames talba izda tordna li ssir likwidazzjoni, divizjoni u assenjazzjoni aktar ekwa u gusta fis-sens li oltre ghal dak indikat fis-sentenza appellata jigi inkluz fil-komunjoni

tal-akkwisti l-flejjes f'kont f'isem l-attrici ma' bank esteru u dan jigi maqsum skont il-ligi kif ukoll li l-kreditu parafernali tal-konvenut in kwantu mano d'opera fid-dar matrimonjali jigi awmentat in linea mal-aggravju tal-appellant;

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata;

Rat ir-risposta tal-attrici li permezz taghha talbet li s-sentenza appellata tigi ikkonfermata;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2015 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat;

**AGGRAVJI TAL-KONVENUT**

Il-konvenut qed jilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi in kwantu l-kawza tat-tmiem taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll il-krediti parafernali spettanti lill-partijiet.

**L-ewwel aggravju – Ir-raguni ghall-firda**

L-appellant permezz ta’ dan l-aggravju qed jilmenta li l-ewwel Qorti meta iddecidiet dwar ir-raguni tal-firda *“donnha tindika illi z-zwieg bejn il-kontendenti gie fi tmiemu meta skoprew li l-konvenut kien sterili”* (fol. 650). L-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti qieset din il-kundizzjoni medika b’mod differenti minn kif giet ikkonsidrata mill-Perit Legali.

Ghandu jinghad mill-ewwel li ghal appuntu dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta’ Jannar 1995) qalet li ‘*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f’kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta’ valutazzjoni ta’ fatti”.* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta’ Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li ‘*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta’ revizjoni li fejn si tratta ta’ apprezzament u evalwazzjoni ta’ provi ta’ fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor’.*

Din il-Qorti pero` tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess

provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.

Din il-Qorti tirreferi ghar-rapport peritali (fol. 518) fejn il-Perit Legali tirrileva kif gej fuq dan u rilevanti ghall-aggravju mressaq mill-konvenut appellant:

> *"F'dan kollu ma jidhirx illi wiehed jista' jattribwixxi xi tort partikolari lill-partijiet, ghajr forsi dik ta' inkompatibilita` ta' karattri naxxenti mic-cirkostanzi infelici tal-isterilita` – problema illi jidher illi ghall-koppja kienet effettivament insormontabbli u fil-fatt farrket ir-relazzjoni taghhom.*
>
> *2. Ghall-kompletezza jigi rilevat illi l-attrici taghti x'tifhem illi zewgha kien jaf bl-isterilita` tieghu izda hbielha dan il-fatt u dahak biha. B'danakollu m'hemm l-ebda prova konkreta dwar dan u fi kwalunkwe kaz din it-tip ta' kunsiderazzzjoni hija aktar rilevanti ghall-kwistjoni ta' validita' taz-zwieg milli fl-ambitu ta' separazzjoni personali."*

L-ewwel Qorti tosserva kif gej f'dan ir-rigward (fol 631):

> *"Il-Qorti hi tal-fehma illi habi ta' kondizzjoni medika ta' din ix-xorta qabel ma jigi celebrat zwieg hija rilevanti hafna f'kawza ta' separazzjoni ghaliex hija aspettativa legittima ta' kull min jizzewweg illi jkun hemm l-ulied mill-unjoni matrimonjali. Filwaqt li huwa minnu li tali habi jista' jwassal ghall-annullament ta' zwieg, certament li jekk ippruvat jista' jwassal ukoll bhal raguni ghat-tkissir taz-zwieg.*
>
> *Jibqa' l-fatt pero` li l-attrici ma rnexxilhiex tressaq provi sufficjenti sabiex tissostanzja l-allegazzjonijiet taghha illi l-konveut kien jaf li hu sterili qabel iz-zwieg u heba dan il-fatt minnha. Ix-xhieda taghha kontrastata mill-konvenut u ghalhekk in mankanza ta' provi ohra il-provi tal-attrici f'dan ir-rigward ma jnisslux il-konvinciment necessarju f'mohh il-gudikant sabiex l-allegazzjoni tal-attrici tigi ikkonsidrata ippruvata sodisfacentement sal-grad li trid il-ligi."*

Dan il-bran riprodott mis-sentenza appellata jxejjen l-asserzjoni maghmula mill-appellant illi l-ewwel Qorti ikkonsidrat unikament bhala r-raguni tal-firda l-isterilita` tal-konvenut appellllant.

L-appellant jilmenta wkoll dwar kif l-ewwel Qorti evalwat l-allegazzjonijiet reciproki ta' adulterju bejn il-partijiet (fol. 651):

> *"Ghaldaqstant filwaqt li l-esponent jaqbel li l-ewwel talba attrici kellha tigi milqugha, d-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti ghandha tigi riformata fis-sens li s-separazzjoni personali bejn il-partijiet tigi dikjarata ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici u tigi indikata data precedenti ghal dik tal-1 ta' Jannar 2007 bhala data fejn l-attrici rrendiet ruhha hatja ghal firda ta' bejn il-kontendenti u tilqa' t-tieni talba attrici limitatament fil-konfront tal-attrici mid-data hekk stabbilita u tapplika d-disposizzjonijiet ta' l-Art. 48 tal-Kap 16 fil-konfront taghha minn tali data."*

Il-Perit Legali irrilevat kif gej f'dan ir-rigward (fol. 524):

> *"Dan wassal sabiex il-konvivenza bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli, u sabiex iz-zwieg jitfarrak b'mod irrimedjabbli specjalment meta l-attrici rrendiet ruhha hatja ta' adulterju u fi Frar 2007 harget tqila minn Warren Cremona. Il-konvenut min-naha tieghu, ukoll irrenda ruhu hati ta' adulterju f'data mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2007, meta allura l-partijiet kienu diga' separati de facto tal-partijiet ghalkemm il-komportament tieghu matul iz-zwieg fil-konfront ta' certa Karen, jista' jitqies bhala eccessiv."*

L-istess Perit Legali issottometiet illi l-allegazzjonijiet ta' adulterju ghandhom jigu trattati kif gej (fol. 524):

> *"Ghal dawn ir-ragunijiet l-esponenti tissottometti illi d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili ghandhom japplikaw fil-konfront taz-zewg partijiet – fil-kaz ta' l-attrici b'effett mill-1 ta' Frar 2007 meta l-attrici nqabdet tqila bl-ewwel wild taghha u ta' Warren Cremona; fil-kaz tal-*

> *konvenut b'effett mill-1 ta' Lulju 2007, f'liema zmien Rita Caruana kienet diga' torqod gewwa d-dar matrimonjali tal-partijiet – kwindi indizju car ta' relazzjoni adultera da parti tal-konvenut mal-imsemmija Caruana."*

Imbaghad l-ewwel Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet (fol. 632):

> *"Hija tal-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi r-relazzjoni li kellu l-konvenut ma' certu Rita Caruana qabel mal-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali kienet ukoll wahda adultera. Difatti ftit ara li l-attrici harget mid-dar matrimonjali tqila b'tarbija minn haddiehor, Rita Caruana dahlet tikkoabita mal-konvenut fid-dar matrimonjali. Ghalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti qed tiskarta l-konkluzjoni tal-abbli Perit Legali u tiddikjara illi sew l-attrici kif ukoll il-konvenut kienu hatja ta' adulterju."*

Ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel Qorti iddikjarat liz-zewg partijiet hatja ghat-tkissir taz-zwieg taghhom minhabba li ikkommettew adulterju.

Il-konvenut appellant jilmenta fuq kif l-ewwel Qorti iffissat id-data effettiva tal-adulterju taz-zewg partijiet. Min jallega jrid jipprova jew –"*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'* kif jghid car u tond l-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (**Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 u Peter Paul **Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995).

Ghalhekk kien jinkombi fuq il-konvenut appellant li jipprova s-segwenti asserzjoni (fol. 451):

> *"Minkejja li l-attrici qalet li riedet issalva z-zwieg, fl-ebda hin ma waqqfet ir-relazzjoni adultera li kellha ma' Warren Cremona, liema relazzjoni kienet wahda kontinwa u addiriturra kienet wasslet ghat-tmiem taz-zwieg ta' Warren Cremona fl-2003."*

L-ewwel Qorti ikkonkludiet kif gej (fol. 633) dwar id-data effettiva ta' adulterju tal-kontendenti:

> *"Il-konvenut jghid li hu u Rita Caruana ilhom flimkien min-nofs is-sena 2007 igifieri li bdew jikkoabitaw flimkien fid-dar matrimonjali ftit wara li l-attrici harget mid-dar matrimonjali f'Marzu 2007. Mhux verosimili li l-konvenut u Rita Caruana appena bdew johorgu flimkien marru jabitaw flimkien fid-dar matrimonjali. Tali agir juri li r-relazzjoni ta' bejn il-konvenut u l-partner attwali kienet gia' ilha ghaddejja ghal certu zmien. Lanqas il-verzjoni tal-attrici ma hi qed tigi accettata mill-Qorti. L-allegazzjoni taghha li kkommettiet adulterju ghall-ewwel darba proprju meta harget tqila bl-ewwel tarbija taghha minn Warren Caruana m'ghandiex mill-verita' tenut kont tal-hrug u safar flimkien fix-xhur u snin precedenti.*
>
> *Fic-cirkostanzi l-Qorti ser tqis arbitrio boni viri d-data tal-1 ta' Jannar, 2007, id-data li fiha z-zewg partijiet kienu hatja ghat-tkissir taz-zwieg taghhom."*

Il-Perit Legali fir-riassunt tax-xhieda ta' Wendy Cremona (fol. 629) permezz ta' affidavit datat 4 ta' Mejju 2009 tinnota kif gej:

> *"Fis-sena 2003, ix-xhud isseparat u l-attrici ma ssemietx f'dawk il-proceduri, izda waqt l-access bintha kienet dejjem tghidilha illi kien ikun hemm l-attrici maghhom."*

Din il-Qorti taqbel mal-appellanti li l-appellata kienet hatja ta' adulterju qabel l-2007 u bhall-ewwel Qorti ma tarax verosimili l-verzjoni tal-appellata li hija inqabdet tqila l-ewwel darba li kellha relazzjoni intima mal-persuna imsemmija fis-sentenza appellata. Il-Qorti tqis attendibbli l-verzjoni illi invece tat mart din il-persuna li x'aktarx r-relazzjoni bejn l-appellata u

zewgha kienet gia` bdiet fis-sena 2000; certament kienet gia` tezisti fis-sena 2003 meta hi u zewgha isseparaw. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-attrici kienet ''hatja ta' adulterju sa mill-1 ta' Jannar 2003.

Din il-konkluzjoni pero` ma jfissirx li din il-Qorti se takkolla r-responsabbilita` ghat-tifrik taz-zwieg kollha lill-attrici. Il-Qorti taqbel mal-apprezzament tal-provi ili ghamlet l-ewwel Qorti u cioe` li l-appellant nniffsu kien ukoll responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u l-fatt li beda relazzjoni ma' mara ohra wara li martu ghamlet dan, xorta wahda trendih ko-responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg; fil-kaz tieghu pero` fil-fehma tal-Qorti dan ghandu jkun tenut li sar fid-data li indikat l-ewwel Qorti u cioe` l-1 ta' Jannar 2007 (anke peress li ma sarx appell fuq din u kwindi din ghaddiet in gudikat). Il-fatt li heba l-isterilita` tieghu kif issemma' ukoll kien fattur li wassal ghal diversi problemi fiz-zwieg. Ghalkemm huwa minnu li f'dan l-aspett, ikun farrak iz-zwieg min ikun responsabbli l-ewwel ghal wiehed mill-addebiti li l-ligi tqis bhala ragunijiet li wahda mill-partijiet setghet titlob is-separazzjoni (Ara - **Tonna v. Tonna, Qorti tal-Familja, deciza fit-23 ta' Ottubru 2015**) fl-istess hin, l-appellant kien heba fatt importanti mill-appellata sa mill-bidu taz-zwieg u allura huwa kwindi evidenti li n-nuqqasijiet tal-partijiet huma t-tnejn gravi u allura din il-Qorti se tattribwixxi lill-partijiet l-istess tort ghat-tifrik taz-zwieg. Dan naturalment ikun ukoll rifless fid-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez.

Dan l-aggravju allura huwa respint hlief ghad-data li fiha l-appellata kienet responsabbli ghall-adulterju fil-konfront tal-appellant.

**It-tieni u tielet aggravji – Il-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Krediti Parafernali spettanti lill-partijiet**

It-tieni u t-tielet aggravji tal-appellanti gew minnu ttrattati flimkien in kwantu fi kliemu *"huma intrinsikament relatati ma' xulxin".* Jaghmel riferenza a fol. 38 tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti iddikjarat is-segwenti:

> *"Ghalkemm l-attrici allegat li kellha kont ma' Barclays barra minn Malta ma ngabu l-ebda provi fir-rigward. L-allegazzjoni tal-konvenut li kien ta xi flus lill-attrici sabiex tiddepozitahom barra minn Malta fil-kont taghha wkoll ma gietx sostanzjata. Il-Qorti qed tiddikjara iz-zewg pretensjonijiet bhala li ma gewx sodisfacentement sostanzjati."*

Jissottometti li f'dan is-sens l-ewwel Qorti adottat dak li nghad a fol. 56 tar-relazzjoni tal-Perit Legali Dr Ramona Frendo:

> *"L-attrici tghid ukoll illi kellha kont barra minn Malta meta kienet ghadha gharusa – jidher illi meta l-partijiet gew assenjati l-plot illi fuqhom bnew id-dar matrimonjali taghhom, l-attrici ttrasferiet il-flus mal-Barclays Bank l-Ingilterra u dan ghaliex jidher illi, altrimenti, il-kontendenti ma kienux jibbenefikaw mill-istess skema: "Biex stajna niehdu l-cash grant, ossia s-sussidju fuq l-art biex bnejna d-dar, Lorriane kienet harget il-flus illi kellha l-Bank u poggiethom f'kont mal-Barclays l-Ingilterra.*
>
> *Eventwalment jidher illi l-attrici gabet dawn il-flus Malta meta l-partijiet kienu diga' mizzewgin. B'danakollu, l-attrici tghid illi ma rnexxilhiex iggib rendikont ta' dawk il-kontijiet, u kwindi l-esponenti thoss illi ma tistax tiehu*

> *konjizzjoni taghhom. Lanqas l-esponenti ma tista' tiehu konjizzjoni ta' l-allegazzjoniji tal-konvenut illi huwa ta xi flus lill-attrici meta din ttrasferiet il-flus peress illi kien hemm xi minimu prestabbilit sabiex ikun jista' jsir id-depozitu – u dan ghaliex, ghal darb'ohra, ma ngabet l-ebda prova."*

Il-kontestazzjoni tal-konvenut appellant f'dan ir-rigward m'hijiex cara. Jidher li hu aggravat mill-fatt illi huwa kien mistenni jgib prova tal-flus li huwa allegatament ittrasferixxa fil-kont bankarju:

> *"Pero` kif kien mistenni li jgib dettajli dwar kont f'isem martu, barra minn Malta u meta huwa kien ghaddielha flus kontanti biex tiddepozita f'dan il-kont, aktar minn ghaxar snin qabel?"* (fol. 652)

Madankollu hu risaput li min jallega jrid jipprova (Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura). Ghaldaqstant din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti u Perit Legali illi din it-talba konvenuta ma gietx issostanzjata u ghalhekk ma gietx provata. Ma kienx kompitu tal-ewwel Qorti illi l-ewwel Qorti *"tiffissa somma arbitrio boni viri sabiex tirrispekkja dan il-fatt"* (fol. 652) kif qed jissuggerixxi l-konvenut appellant. Din il-Qorti taqbel ma dak li gie rilevat mill-attrici appellata (fol. 659):

> *"g. … u fit-tieni lok kien jispetta lill-intimat li jgib il-prova ta' dak li kien qed jallega u fit-tielet lok jinghad li wiehed ma jistax jiddeciedi fuq oggett li ma hux fil-process cioe` quod non est in acta non est in mundo."*

Hu minnu li jkun hemm cirkostanzi fejn il-Qorti bil-fors ikollha tillikwida l-ammont komplessiv "arbitrio boni viri" kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Margaret Camilleri et v. The Cargo Handling Company Limited**

(Prim'Awla, 13 ta' Ottubru 2004). F'dik il-kawza l-Qorti fost affarijiet ohra qalet ukoll li:

> *'ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema ta' ligi taghna l-poter diskrezzjonali illi jilliwkida t-telf u l-qliegh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. .. Indiskutibilment il-gudikant ma jistax lanqas f'dawn il-kazi ma jipprexxindi mill-fatt illi l-parti istanti mhiex esonerata mid-dmir illi li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dak il-fattijiet li tkun taf bihom ghall iskop a' determinazzjoni ta' telf. Minn naha tieghu il-gudikant hu tenut jaghti piz debitu lil dawk l-elementi kollha tal-kaz konkret akkwisiti fil-process.'* (sottolinear ta' din il-Qorti) Il-Qorti f'din is-sentenza, iccitat ukoll sentenzi riportati fil-**Vol XXXV pt iii** pagna 615 u **Vol XXIX-i-1285**. Ghalhekk kif gie sottolineat il-Qorti ma tistax taghmel dan l-esercizzju in mankanza ta' provi konkreti li ghallinqas jaghtuha ideja tal-ammont li ghandha tillikwida u din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li kien hemm mankanza assoluta ta' prova konkreta f'dan il-kaz.

Lanjanza ohra taht dan il-kap tal-konvenut appellant titratta l-ispejjez tat-tieg. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu kif gej (fol. 640):

> *"Ghalkemm fil-kors tal-kawza z-zewg partijiet resqu pretensjonijiet fir-rigward tal-ispejjez relativi ghac-celebrazzjoni tat-tieg taghhom, hija l-fehma tal-Qorti illi fin-nuqqas ta' provi sodisfacenti dawn ghandhom jitqiesu li inhargu nofs bin-nofs bejn il-partijiet u ghalhekk l-ebda parti ma tista' tivvanta xi kreditu kontra l-parti l-ohra fir-rigward. Hadet in konsiderazzjoni l-osservazzjonijiet tal-Perit Legali fir-rigward:*
>
> *'L-esponenti tirrileva illi f'diversi stadji f'dawn il-proceduri, saret referenza ghall-ispejjez inkorsi in konnessjoni mat-tieg tal-kontendenti. In vista ta' dak li nghad fil-paragrafu 19, l-esponenti tqies illi anke dawn l-ispejjez tat-tieg, x'aktarx illi saru miz-zewg partijiet flimkien, kif hija prassi. Jew jista' jkun ukoll illi, kif inhija tradizzjoni, bi ftehim bejn il-partijiet, l-attrici kienet qieghda taghmel hafna mill-ispejjez tat-tieg, filwaqt illi l-konvenut ikkoncentra fuq ix-xoghlijiet fid-dar konjugali – u dan aktar u aktar ikompli jsahah il-fehma ta' l-esponent illi galadarba tali spejjez huma konsumabbli u ma jistghux jigu rkuprati, il-gustizzja tirrikjedi illi jigi rikonoxxut il-ftehim implicitu bejn il-partijiet rigward id-divizjoni ta' l-ispejjez relattivi ghat-tieg u ghad-dar konjugali – kif gia` nghad."*

Min-naha tieghu l-konvenut appellant jilmenta illi (fol. 652):

> *"F'dan il-kaz meta l-istess ricevuti pprezentati mill-konvenut jaghjtu lilu u dawn kollha huma antecedenti d-data taz-zwieg, dawn l-ammonti kif indikati fil-prospett anness ma' l-affidavit tieghu ghandhom jigu assenjati lilu bhala kreditu parafernali."*

L-istess Perit Legali meta titratta l-ispejjez tat-tieg taghmel referenza ghall-paragrafu 19 tar-rapport taghha (fol. 528):

> *"19. Dan ghalhekk ikompli jikkonferma l-fehma ta' l-esponenti illi fil-fatt, bhal ma jigri diversi drabi, il-koppja qabel iz-zwieg kienu qieghdin jaqsmu l-ispejjez bejniethom, minghajr indikazzjoni cara ta' min kien qieghed ihallas ghal x'hiex u ghalhekk, fl-umli fehma ta' l-esponenti, gajla hemm lok illi jkun hemm xi kreditu parafernali f'dan ir-rigward, salv ovvjament ghal xoghol li ghamel il-konvenut fid-dar matrimonjali, kif ga' nghad."* (enfasi mizjud)

Din il-Qorti ezaminat l-atti relattivi u hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti kienet korretta illi l-provi esebiti, b'mod partikolari inkosistenzi fir-ricevuti ipprezentati, kienu insodisfacenti sabiex il-konvenut appellant jipprova l-pretensjoni tieghu sal-grad rikjest mil-ligi u ghalhekk il-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti f'dan is-sens kienu legalment sani.

L-ahhar lanjanza tal-konvenut appellant ghal dak li jirrigwardja l-kreditu parafernali spettanti lilu ghal mano d'opera fil-kostruzzjoni tad-dar matrimonjali. Dawn il-lanjanzi tal-konvenut appellant jistghu jigu riassunti kif gej (fol. 653):

- Dwar ir-relazzjoni tal-Perit Alan Saliba kif hareg mid-domandi in eskussjoni u l-pozizzjoni adotta mill-ewwel Onorabbli Qorti f'dan ir-rigward, il-

> konvenut appellant jikkontendi illi din hija mizghuda nuqqasijiet li l-ewwel Onorabbli Qorti ma setatx ma tinnotax fid-dawl ta' provi fotografici f'dan ir-rigward ez. il-kejl tal-gebel uzatt fil-kostruzzjoni tad-dar.
>
> L-attrici appellata tirrispondi billi tghid (fol 659):
>
> *"Illi ghalkemm il-konvenut appellant jghid li ma jaqbilx mar-rapport peritali tal-Perit Arkitett Alan Saliba, imqabbad bhala espert tekniku mill-ewwel Qorti, ma jkomplix jispjega u jelabora aktar dwar il-ghala huwa ma jaqbilx ma' certa konkluzjonijiet."*

Fil-fatt din il-Qorti tosserva illi l-konvenut appellant jissolleva u jaghmel referenza ghal diskrepanza wahda u cioe` il-kejl tal-gebel uzat fil-kostruzzjoni tad-dar.

Il-konvenut appellant ma jaqbilx mal-konkluzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti fejn l-istess Qorti qalet li ma kenietx qed tilqa' l-pretensjoni tieghu ghal dak li jirrigwardja suffitti. Isegwi ghalhekk illi l-konvenut appellant ma jaqbilx ukoll mal-konkluzjoni tal-Qorti fir-rigward tal-ghaxar domanda in eskussjoni lill-Perit Tekniku (fol. 35 tas-sentenza appellata). Il-konvenut appellant ma setax jifhem kif nibet dubju f'mohh l-ewwel Qorti jekk kenitx qed tirreferi biss ghax-xoghol u mhux ukoll ghall-materjal involut. Inoltre ma jaqbilx mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti li l-konvenut l-ewwel darba li vventila din il-pretensjoni kien fid-domanda in eskussjoni.

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pagna 35 tas-sentenza appellata (fol. 639) fejn proprju l-ewwel Qorti ikkonsidrat dan il-punt. Jidher illi l-konvenut

appellant kien korrett meta stqarr fir-rikors ta’ appell (fol. 653) illi l-ghaxar domanda tieghu titratta x-xoghol ossia l-*mano d’opera*:

> *“X’valur taghti ghax-xoghol li sar:*
>
> *“i. Tas-soffitti*
> *“ii. Madum tal-gallarija*
> *“iii. Pedamenti*
> *“iv. Zebgha u tikhil tal-hitan*
> *“v. Hitan u saqaf tal-gibja sottostanti?”* (enfasi mizjud).

Din il-Qorti ma tistax tifhem kif il-Perit Tekniku hass li seta’ jaghti valur ghas-suffetti, madum, zebgha u tikhil meta b’ammissjoni tieghu stess *“ma dahalx fl-‘items’ imsemmija”* u *“billi mill-atti ma jirrizulta xejn dwar is-suffetti, madum u zebgha”*. (L-ewwel Qorti tirriproduci t-twegiba tal-Perit Tekniku ghal din id-domanda in eskussjoni a fol. 639).

L-ewwel Qorti tosserva illi din il-pretensjoni giet konkretizzata biss proprju fid-domanda in eskussjoni. Tinnota wkoll illi matul l-access il-konvenut ma talabx li jsir kejl tax-xoghol tas-soffitti, madum, tikhil u tibjid.

Il-konvenut appellant jirribatti billi jissottometti illi (fol. 653):

> *“Il-konvenut kien car fix-xhieda tieghu li kien ghamel mhux biss ix-xoghol ta’ bini imma wkoll ix-xoghol ta’ finishes, fatt li del resto lanqas biss gie ikkontestat mill-attrici u items bhal dawn partikolarment zebgha tal-hitan huma parti essenzjali mill-istess xoghol.”*

Din il-Qorti hadet konjizzjoni ta' dan kollu u hi tal-fehma illi l-konvenut appellant naqas milli jipprova l-pretensjoni tieghu, specjalment in vista tal-fatt illi l-Perit Tekniku stess josserva illi *"billi mill-atti ma jirrizulta xejn dwar is-suffetti, madum u zebgha"*.

Finalment il-konvenut appellant jikkontendi illi m'hijiex legalment korretta l-konkluzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti a fol. 35 tas-sentenza appellata:

> *"Ghar-ragunijiet fuq moghtija il-Qorti qed tiddeciedi illi l-konvenut ghandu dritt minghand l-attrici ta' nofs is-somma likwidata mill-Perit Tekniku tenut kont li x-xoghol ta' l-idejn sar mill-konvenut u missieru. Il-hlas ghax-xoghlijiet li ghamel missier il-konvenut ma hux kreditu dovut mill-attrici versu missier il-konvenut izda semmai kreditu pretiz fil-konfront tal-attrici u tal-konvenut."*

Il-konvenut appellant jilmenta illi (fol. 653):

> *"Bir-ratio ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, l-attrici mhux talli ser thallas nofs dak dovut lil zewgha izda addirittura ser taghmel arrikiment indebitu bil-grazzja ta' decizjoni tal-Qorti. Il-valur tal-mano d'opera kollu huwa kreditu parafernali tal-konvenut u ghandu jigi assenjat fl-intier tieghu lilu."*

L-attrici appellata twiegeb ghal din il-kontestazzjoni konvenuta billi tghid illi (fol. 659):

> *"Illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet gustifikata li tassenja lill-konvenut appellant nofs il-valur li wasal ghaliha l-istess Perit Tekniku u dana peress irrizulta mill-provi, nkluz dawk imresqa mill-istess konvenut li l-bicca l-kbira mix-xoghlijiet esekwiti fuq id-dar matrimonjali qabel iz-zwieg kienu saru minn missier l-istess konvenut (mhux semplicement ta daqqa ta id) u ghalhekk certament l-istess konvenut ma jistax legalment jippretendi jithallas il-valur intier likwidat. Difatti wara li nqatghet l-ewwel sentenza meritu ta' dan l-appell, l-istess missier il-konvenut ipprezenta ittra ufficcjali kontra l-odjerni kontendenti fejn interpellahom ihallsuh tax-xoghol li huwa kien hadem fuq id-dar matrimonjali u dana ai termini tal-artikolu 166A Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema pretensjoni kienet giet kontestata mill-attrici*

> *appellata tramite nota apposita.  Dawn iz-zewg atti qed jigu hawn annessi ma din ir-risposta markati Dok X u Dok Y;"*

Fuq dan il-punt il-Perit Legali tirrileva s-segwenti (fol. 529):

> *"20.  … Izda ovvjament, l-ebda wiehed mill-genituri tal-kontendenti m'huwa parti f'dawn il-proceduri u ghalhekk, legalment, ma jistax jigi valutat xogholhom u kwalunkwe pretensjoni dawn kellhom, jew jista' jkollhom, f'dan ir-rigward, hija estranea ghal dawn il-proceduri."*

Hemm qbil bejn il-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti u l-Perit Legali dwar ix-xoghlijiet maghmula minn missier il-konvenut appellant, fis-sens illi kwalunkwe pretensjoni li jista' jkollu missier il-konvenut appellant huma estraneji ghall-proceduri odjerni (Dok. X u Dok. Y fol. 661-662).  Din il-Qorti taqbel bhala principju ma' dan ir-ragunament meta si tratta ta' kreditu car u likwidu ta' xi partijiet estranji ghall-kawza fil-konfront tal-mizzewgin. Madankollu f'kaz bhal dan, fejn missier l-attur kien imur mieghu fuq il-post u jghinu fix-xoghlijiet li kien hemm bzonn huwa evidenti li missier l-appellant ma kellu ebda pretiza li jithallas minn ibnu u kien qed jippresta s-servizzi tieghu (li huma difficilment kwantifikabbli peress li l-perit tekniku ikkwantifika l-ammont totali – cioe` il-prestazzjonijiet tal-appellant u missieru flimkien) biex jghinu fl-ispejjez li kellu.  Il-fatt li wara s-sentenza appellata baghat ittra ufficjali biex jithallas minghand l-appellata ma ghandu ebda effett fuq dawn il-proceduri ghaliex naturalment huwa ghamel dan biex jikkawtela ruhu izda lanqas jkun xieraq li l-appellata tgawdi issa minn dan ladarba l-Qorti ordnat il-bejgh tal-proprjeta`.  Ghalhekk huwa xieraq li l-

ammont kollu jigi akkordat lill-appellant u kwindi l-ammont li ghandu jippreleva mal-bejgh tal-fond in kwistjoni ghandu jizdied bis-somma ta' €7,031 u jsir €18,054·54.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu limitatament u dan billi fil-waqt li tiddikjara li l-attrici kienet responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg b'effett mill-1 ta' Jannar 2003 u billi tordna li l-appellant jithallas bhala kreditu parafernali s-somma ta' tmintax-il elf u erba' u hamsin Euro u erbgha u hamsin centezmu €18,054·54 minflok dik iffissata mill-ewwel Qorti; mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez kollha tal-kawza sija tal-ewwel grad u sija tal-appell jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df